# *QUOTIDIE MORIOR*

Filgħaxija, meta nidħol fid-daqsxejn ta' sodda tiegħi, u bil-mod nitwal fil-lożor tal-għażel, ftit u xejn mikduda, li l-imsejkna ta' ommi kienet nisġitli b'idejha stess—kemm żmien ilu!—jidhirli, fit-tkexkixa li nħoss, li jkun wasal it-tmiem ta' ħajti u jien stess nimtedd ġos-sodda bħal ġo tebut ħiemed, tad-daqs sewwa tiegħi.

Imbagħad, meta nagħmel, bl-ilma mbierek, is-salib fuq ġbini, hekk nitlob 'l Alla l-imbierek: "Ilqa', o Mulej, ir-ruħ tiegħi f'idejk tal-ħniena, u la tħallix l-hemm tad-deni imissni, iżda, bil-ħniena tiegħek, għatti l-ħtijiet ħfief ta' midneb niedem. Ħarisni, o Mulej, bħal ħabba tal-għajn u biġġilni taħt ġwenħajk il-għaqlin."

Iżda, kull filgħodu; mas-sebħ meta jidden is-serduk, għalija jiġġedded l-miraklu li darba dawwal id-dar ta' Betanja*

---

* Jigiħeri meta Sidna Ġesù Kristu rxoxta 'l Lażżru

għax kull fil-għodu malli tfiġġ ix-xemx, hemm dejjem il-Mulej li jsejjaħ lil ġismi: "B'amar Tiegħi, isa, qum!" u jmissni b'mod tal-għaġeb. Ġismi, wara li jkeċċi d-dalma tan-ngħas, iqum isbaħ mis-susan imbewwes mix-xemx. Hekk kull filgħodu, inbierek mill-ġdid il-Mulej tal-ġid li jroddli u narġa' għad-difa tal-jum, għall-ħlewwa ta' l-art, fost id-deheb tax-xemx u t-tbissim tal-ħlejjaq li jgħixu, iħobbu u jifirħu f'dik il-ġilwa tas-sebħ.

Iżda, għandu jiġi jum meta l-Mulej jinsa li jreġġagħni għall-ħajja: dak ikun l-ħin tal-mewt tassew, li minnha ebda maħluq ma jista' jeħles, qabel jew wara. Imbagħad, xi ruħ twajba, tagħlaqli għajnejja waħxin, fid-dawl nieqes ta' nżul ix-xemx, iġġorni lejn iz-zuntier b'xi ftit tat-talb, fost il-leħen kiebi tal-qniepen; — u ġismi jinżel għal dejjem (x'int titbażża' msejkna qalbi?) fi ħdan l-art u fuq qabri, fejn ġismi jdewwed fid-dalma, tinbet aktarx xi warda jew xi ħaxixa.

Iżda jien naf tajjeb, o Mulej, u norbot fuq kelmtek li ma tqarraqx, illi dak iż-żmien inkun bħala qamħa żgħira li tintradam taħt l-art biex tmut, imbagħad il-quddiem tiftaħ u ssir sbula safranija u mimlija.

Naf tajjeb li ġismi jibqa' hemm sa meta t-tromba ta' l-Anġlu b'leħen li jidwi ma kullimkien, igħajjatli biex jiddi, mżejjen bl-innoċenza ta' qabel, fit-tlellix tas-smewwiet, u l-iġsma tat-tajbin inawru bħas-susan fil-Belt tal-Mulej: għax Int, o Mulej, għedtu illi l-ġisem, miżrugħ fit-taħsir, jarġa' jqum fil-glorja u jqum mdawwal f'dak iż-żerniq safi tas-Sema.

Dan iġagħalni nħoss aktar ħelu il-ħin ta' fil-għaxija meta nidħol fis-sodda, bejn il-ložor tal-għażel, daqsxejn mikduda, li l-imsejkna ommi, kienet nisġitli b'idejha stess (kemm żmien ilu!) fil-waqt li naħseb kull lejla illi dak huwa t-tebut ħiemed tad-daqs sewwa tiegħi.

C. M. De Caro

Awissu, 1942